

Brussell, 30 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10877/22

FIN 737

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 315 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Tbassir fit-tul tal-flussi ta' dħul u tal-flussi ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (2023-2027)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 315 final.

Mehmuż: COM(2022) 315 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2022
COM(2022) 315 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Tbassir fit-tul tal-flussi ta' dħul u tal-flussi ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (2023-2027)

{SWD(2022) 175 final}

Werrej

WERREJ	1
1. Introduzzjoni	2
2. Tbassir tal-flussi ta' ħruġ tal-baġit tal-UE 2023-2027	2
2.1. Pagamenti fir-rigward tal-impenji tal-QFP 2021-2027	5
2.2. Pagamenti għat-tlestija tal-impenji ta' qabel l-2021	8
2.3. Diżimpenji	8
2.4. NextGenerationEU	9
2.5. L-evoluzzjoni tal-livell ta' impenji pendenti	10
3. Tbassir tal-flussi ta' dħul tal-baġit tal-UE għall-2023 sal-2027	11
4. Konklużjonijiet.....	13
Anness I – Riżultati tat-tbassir*	15
Tabella 1.1 – Tbassir fit-tul tal-flussi ta' ħruġ futuri mill-2023 sal-2027 għall-QFP	15
Tabella 1.2 – Pagamenti fir-rigward tal-impenji tal-QFP 2021-2027	16
Tabella 1.3 – Pagamenti għat-tlestija tal-impenji ta' qabel l-2021	17
Tabella 2 – It-tbassir tad-diżimpenji	18
Tabella 3 – Tbassir fit-tul tal-flussi ta' ħruġ għal NextGenerationEU	19
Tabella 4 – Bidla fl-impenji pendenti totali mill-2023 sal-2027	19
Tabella 5 – Tbassir fit-tul tal-flussi ta' dħul futuri tal-baġit tal-UE mill-2023 sal-2027	20

1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport jipprovdi projezzjonijiet għall-flussi ta' dħul u l-flussi ta' ħruġ tal-baġit tal-UE matul il-perjodu ta' bejn l-2023 u l-2027ⁱ. Hija t-tieni edizzjoni tat-tbassir fit-tul għad-dħul u n-nefqa li jirriżultaw mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027ⁱⁱ u minn NextGenerationEUⁱⁱⁱ, li taġġorna l-istimi ppreżentati fir-rapport ta' Ġunju 2021^{iv}.

It-tbassir ikopri l-ħames snin li ġejjin, f'konformità mal-Artikolu 247(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju^v. Il-perjodu fil-biċċa l-kbira jikkoinċidi mar-rapport tas-sena l-oħra, li b'mod eċċezzjonali kien mifrux fuq seba' snin mill-2021 sal-2027 sabiex jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-flussi ta' dħul, tad-dħul mistenni u l-flussi ta' ħruġ tan-nefqa taħt il-limiti tal-QFP li kien għadu kif ġie adottat.

Flimkien mal-istimi tal-QFP, dan it-tbassir jaġġorna l-projezzjonijiet tal-pagamenti fuq il-programmi kollha skont NextGenerationEU. Din in-nefqa, minbarra l-infiq skont il-QFP, hija ffinanzjata esklussivament minn dħul rikavat minn operazzjonijiet ta' self fis-swieq kapitali.


Pagamenti mill-baġit tal-UE jsegwu l-impenji. L-istimi f'dan ir-rapport huma bbażati fuq l-impenji tal-ipprogrammar finanzjarju li jakkumpanja l-Abbozz tal-Baġit tal-2023^{vi}. Dawn jinkludu l-aġġustament^{vii} tal-QFP għall-adozzjoni tardiva tar-regoli u l-programmi taħt ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-QFP, l-aġġustamenti speċifiċi għall-programm skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP^{viii} kif ukoll l-użu mill-ġdid tad-diżimpenji skont l-Artikolu 15(3)^{ix} tar-Regolament Finanzjarju. Fir-rigward tad-dħul, it-tbassir huwa bbażat fuq is-sistema tad-dħul tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji^x. Il-projezzjonijiet tad-dħul iqisu wkoll il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika^{xi} (il-“Ftehim dwar il-ħruġ”).

2. Tbassir tal-flussi ta' ħruġ tal-baġit tal-UE 2023-2027

Il-pagamenti matul il-ħames snin li ġejjin tal-QFP huma mistennija li jilħqu EUR 1 156 biljun, inklużi EUR 873 biljun taħt il-limitu massimu tal-pagament tal-QFP u EUR 278 biljun għall-appoġġ mhux ripagabbli ta' NextGenerationEU.

It-tbassir jinkludi stimi għall-aġġustamenti futuri speċifiċi għall-programm li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP u għall-użu mill-ġdid tad-diżimpenji skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju, li se jiġu allokatu fis-snin mill-2024 sal-2027. L-aġġustamenti speċifiċi għall-programm huma mistennija li jirriżultaw f'aġġustament 'il fuq awtomatiku tal-limiti massimi tal-QFP għall-impenji u għall-pagamenti ta' EUR 9,4 biljun flimkien mal-aġġustamenti għall-2022 u għall-2023 li jammontaw għal EUR 3,3 biljun^{xii}. L-aġġustament annwali eżatt se jiddependi fuq id-dħul mill-multi tal-kompetizzjoni fis-sena preċedenti għal ammont ġenerali ta' EUR 11-il biljun (fi prezzijiet tal-2018) sal-2027.

Ċart 1 - Tbassir tal-pagamenti skont il-kategorija (f'biljuni ta' EUR)



Il-pagamenti previsti mill-baġit tal-UE ma humiex distribwiti b'mod ugwali matul il-perjodu ta' referenza. Dawn jiddependu fuq l-evoluzzjoni mistennija: 1) tal-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti għall-programmi l-ġodda tal-QFP (66 % tal-pagamenti totali), 2) tar-ritmu tal-iżborżi skont NextGenerationEU (24 % tal-pagamenti), u 3) tat-tlestija tal-impenji mill-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020 u qabel (10 % tal-pagamenti). Il-medja annwali stmata tal-flussi ta' ħruġ hija ta' EUR 231 biljun, b'EUR 56 biljun li għandhom jiġu ffinanzjati mis-self fiswieq kapitali għall-programmi ta' NextGenerationEU.


Il-pagamenti matul il-perjodu huma mistennija li jonqsu b'mod kostanti wara massimu fl-2023, u dan huwa xprunat fil-biċċa l-kbira mill-frontloading ta' NextGenerationEU. Huwa mistenni li jkun hemm irkupru temporanju fil-flussi ta' ħruġ fl-2026, meta se jkollhom jitlestew il-pagamenti finali kollha skont NextGenerationEU. Mill-2027, it-tbassir jinkludi kważi esklussivament pagamenti skont il-programmi tal-QFP 2021-2027.

Fl-arsa mill-qrib lejn in-nefqa skont il-QFP attwali u t-tlestija tal-predeċessuri tiegħu, il-pagamenti previsti jammontaw għal medja ta' EUR 175 biljun, b'2023-2024 taft il-medja u b'2026-2027 fuq il-medja. Id-differenza bejn is-sena bil-massimu tal-pagamenti (2027) u dik bl-inqas ammont ta' pagamenti (2024) hija ta' madwar EUR 36 biljun. Din ix-xejra ġiet osservata wkoll fil-QFP preċedenti minħabba t-tneħħija gradwali progressiva tal-pagamenti tal-għeluq tal-oqfsa finanzjarji preċedenti u l-programmi l-ġodda ta' nfiq li laħqu ritmu kostanti b'mod effettiv fit-tieni nofs tal-QFP rispettiv.

Il-marġini previsti skont il-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP jammonta għal EUR 5,5 biljun u EUR 11-il biljun fl-2023 u fl-2024, rispettivament. Għall-perjodu ta' bejn l-2025 u l-2027, il-marġni annwali jista' jidher negattiv meta mqabbel mal-limiti massimi attwali tal-pagamenti, bit-tbassir li jaqbeż il-limitu massimu b'EUR 24,6 biljun għat-tliet snin flimkien. Dawn id-devjazzjonijiet matul is-snin huma sempliċiment konsegwenza tal-limitu massimu tal-pagamenti stabbilit f'livell stabbli f'termini reali, filwaqt li l-implimentazzjoni hija mistennija li ssegwi perkors varjabbli. Skont il-mekkaniżmu ta' aġġustament awtomatiku tal-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament dwar il-QFP, l-ammonti li ma jintnefqux f'sena partikolari se jżidu l-limiti massimi għas-snin futuri. Għalhekk, il-marġini pożittivi mistennija qabel l-2025 se jżidu l-limiti massimi bejn l-2025 u l-2027 (fil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 11(3) tar-Regolament dwar il-QFP). Meta wieħed iqis dan l-aġġustament u l-aġġustament futur speċifiku għall-programm skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP (li se jżid il-limiti

massimi tal-pagamenti b'EUR 9,4 biljun addizzjonali), it-tbassir attwali tal-pagamenti għall-aħħar tliet snin tal-QFP huwa kompatibbli mal-limitu massimu ġenerali tal-pagamenti tal-QFP tal-2021 sal-2027.

Ċart 2 - Tbassir tal-pagamenti vs Il-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP (f'biljuni ta' EUR)



2.1. Pagamenti fir-rigward tal-impenji tal-QFP 2021-2027

Il-Politika ta' Koeżjoni u l-Politika Agrikola Komuni (PAK) jammontaw għal aktar minn nofs il-pagamenti stmati li jirriżultaw mill-QFP 2021-2027. Għalhekk, it-tbassir fit-tul huwa fil-biċċa l-kbira xprunat mill-implimentazzjoni prevista ta' dawn iż-żewġ politiki.


Intestatura 2a - Il-politika ta' koeżjoni

Il-pagamenti previsti mill-2023 sal-2027 għall-programmazzjoni l-ġdida tal-politika ta' koeżjoni huma ta' EUR 177 biljun, madwar EUR 8 biljun anqas milli fit-tbassir tas-sena l-oħra. Id-dewmien aktar evidenti^{xiii} fit-tnedija tal-perjodu ta' programmazzjoni mill-2021 sal-2027 se jiffirma l-pagamenti matul il-bqija tal-QFP. L-ebda programm nazzjonali ma ġie adottat fl-2021, u kollha mistennija li jiġu approvati sal-aħħar tal-2022. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-ħtieġa li l-inizjattivi ta' rkupru jiġu integrati fil-pakkett leġiżlattiv li ġie nnegożjat matul l-2020 wasslu għal adozzjoni aktar tard tal-atti legali rilevanti, u dan, fil-biċċa l-kbira, jispjega d-dewmien osservat. Barra minn hekk, l-enfasi tal-awtoritajiet nazzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' NextGenerationEU seta' kellha rwol ukoll. Is-suppożizzjoni teknika għal dan it-tbassir hija li mill-2024, l-Istati Membri se jibdw jirkupraw parzjalment id-dewmien akkumulat matul l-2021 sal-2023 u se jilħqu veloċità ta' implimentazzjoni komparabbli mal-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020 lejn l-aħħar snin tal-QFP. Din is-suppożizzjoni ssir f'kuntest ta' inċertezza akbar minħabba l-instabbiltà ġeopolitika u ekonomika attwali, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' parametru referenzjarju storiku rilevanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti fuq terminu twil.

Hemm riskji ta' ċaqliq 'l isfel u ta' ċaqliq 'l fuq għal dan it-tbassir. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu sforzi addizzjonali sabiex jaċċelleraw l-implimentazzjoni mill-2023 u l-ħeffa tal-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti tista' tintlaħaq qabel. Il-pagamenti jistgħu wkoll jaċċelleraw fir-rigward tal-inizjattiva REPowerEU^{xiv} li skontha l-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jittrasferixxu sa 12,5 % tal-allokkazzjonijiet ta' koeżjoni tagħhom lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (li ma hijiex riflessa fit-tbassir), abbażi tal-possibbiltà ta' trasferiment ta' 5 % diġà disponibbli u biż-żieda tal-possibbiltà ta' trasferiment ta' 7,5 % għall-oġġettivi tar-REPowerEU biss. B'kuntrast għal dan, jekk l-Istati Membri ma jagħmlux sforzi addizzjonali, se jipersisti dewmien ta' sena. Konsegwentement, dan idewwem

il-pagamenti u potenzjalment iwassal għal livell għoli bla preċedent ta' diżimpenji minħabba r-regoli ta' diżimpenn N+3.

Ċart 3 - Tbassir tal-pagamenti għall-Intestatura 2a (Impenji tal-QFP 2021-2027), u xenarji pożittivi u negattivi (f'biljuni ta' EUR)



Intestatura 3 - Il-Politika Agrikola Komuni (PAK)

Il-pagamenti previsti għall-Pilastru I tal-PAK – EUR 208 biljuni mill-2023 sal-2027 – jirriflettu l-aktar programmazzjoni finanzjarja riċenti u t-trasferimenti tal-Istati Membri bejn iż-żewġ pilastru tal-PAK.

Għall-kuntrarju tal-politika ta' koeżjoni, ma hemm l-ebda dewmien mistenni fl-implimentazzjoni tal-Pilastru II – il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – minħabba d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' sentejn, li estendew il-programmi 2014-2020 sal-2022. Meta wieħed iqis li l-Istati Membri kollha ssottomettew il-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom għall-PAK il-ġdida, l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi 2023-2027 hija mistennija li tibda diġà fl-2023, sena qabel milli huwa ssoportat fir-rapport ta' Ġunju tal-2021.

It-tbassir tal-pagamenti li jirriżultaw mill-QFP 2021-2027 jinkludi wkoll pagamenti relatati mal-aħħar żewġ segmenti (2021 u 2022) tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni preċedenti. Huma mistennija li jkunu koperti minn pagamenti sal-2026 (ara l-punt 2.2. Pagamenti fuq impenji ta' qabel l-2021).

Bil-programmi tal-FAEŻR 2014-2022 li mexjin fit-triq it-tajba u bil-pjanijiet il-ġodda tal-PAK li qegħdin jiġu approvati, l-implimentazzjoni tal-FAEŻR hija mistennija li timxi b'pass kostanti. Madankollu, matul l-2024 sal-2027 huma mistennija xi devjazzjonijiet annwali, b'konċentrazzjoni partikolari ta' pagamenti fl-2026 minħabba s-sovrappożizzjoni bejn it-tlestija tal-programmi preċedenti (skont ir-regola ta' diżimpenn N+3) u l-introduzzjoni rapida ta' daww il-ġodda (skont ir-regola ta' diżimpenn N+2). Barra minn hekk, il-pagamenti tal-FAEŻR jistgħu jiġu aċċellerati fir-rigward tal-inizjattiva REPowerEU, b'mod simili għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni (ara l-punt hawn fuq).

Programmi u intestaturi oħrajn

Hemm żieda fit-tbassir tal-pagamenti matul il-perjodu ta' ħames snin fl-intestaturi l-oħrajn kollha li tirriżulta minn taħlita ta' diversi fatturi:

- Inizjattivi ġodda bħall-Konnettività Sigura tal-Unjoni^{xv} u l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep^{xvi} se jagħtu bidu għall-pagamenti, l-aktar skont l-Intestatura 1.

- L-aħħar sfidi ġeopolitiċi jippreżumu aċċellerazzjoni tal-pagamenti tal-programmi skont l-Intestatura 4 - Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri, l-Intestatura 5 - Sigurtà u Difiża, u l-Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja.
- Il-bidu mdewwem ta' xi programmi fl-2021 se jwassal għal ridistribuzzjoni tal-pagamenti fis-snin ta' wara. Il-bidla aktar sostanzjali fir-rigward tat-tbassir tas-sena l-oħra tikkonċerna r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit li għaliha l-att legali adottat^{xvii} jipprevedi distribuzzjoni aktar uniformi tal-pagamenti matul is-snin meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni għal pagament kbir ta' prefinanzjament, li sostna t-tbassir tas-sena l-oħra.

2.2. Pagamenti għat-tlestija tal-impenji ta' qabel l-2021

It-tbassir għall-pagamenti għat-tlestija tal-impenji ta' qabel l-2021 (RAL għal *reste à liquider*) huwa aġġornat sabiex iqis il-pagamenti li saru fl-2021 u li huma ppjanati fil-baġit tal-2022. It-tbassir ta' EUR 110 biljun għall-ħames snin li ġejjin huwa fil-biċċa l-kbira konformi mat-tbassir tas-sena l-oħra b'ċerti differenzi annwali.

Intestatura 2a - Il-politika ta' koeżjoni

Il-biċċa l-kbira tal-pagamenti fuq l-impenji ta' qabel l-2021 (58 %) huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li qiegħed jaħdem b'rata sħiħa. Il-projezzjonijiet tal-pagamenti huma bbażati fuq l-aħħar tbassir tal-Istati Membri (Jannar 2022), u informazzjoni riċenti għall-implimentazzjoni fuq il-post. Bl-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE), proposta mill-Kummissjoni fit-8 ta' Marzu 2022^{xviii}, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jħaffu l-użu tal-finanzjament mhux programmat kollu skont il-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020, bil-pagament minn qabel sal-2022 u l-2023. Meta mqabbel mar-rapport tas-sena l-oħra, dan jissarraf fi tnaqqis tat-tbassir tal-pagamenti fl-2024.

L-aħħar sena kontabilistika għall-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) tintemm f'Ġunju 2024, iżda l-biċċa l-kbira tal-pagamenti huma mbassra sal-aħħar tal-2023. Għall-għeluq, meta jitqiesu r-rata ta' żamma u l-approvazzjoni ta' prefinanzjament, il-pagamenti huma mistennija li jkunu limitati wara l-2024.

Intestatura 3 - Il-Politika Agrikola Komuni

It-tlestija mistennija tal-programmi operazzjonali ta' bejn l-2014 u l-2022 hija ġeneralment konformi mat-tbassir tas-sena l-oħra. Dan jinkludi, madankollu, element ġdid, li huwa l-impatt tal-pagamenti ta' ammont f'daqqa proposti reċentement^{xix} lill-bdiewa u lill-SMEs fis-settur tal-ipproċessar tal-ikel. Konsegwentement, dan jagħti bidu għall-pagamenti b'EUR 450 miljun mill-2024-2025 sal-2023.

Programmi u intestaturi oħrajn

Il-maġġoranza l-kbira (84 %) tal-pagamenti pendenti għall-partijiet li jifdal tal-baġit hija mifruxa kważi b'mod ugwali bejn l-Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali u l-Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja. Filwaqt li l-attivitajiet ta' tlestija skont l-Intestatura 1 issa huma mistennija aktar kmieni mill-istimi preċedenti, l-aspettattivi aġġornati għall-proġetti skont l-Intestatura 6 huma aktar backloaded lejn l-2025 u l-2026.

2.3. Diżimpenji

It-tbassir ġenerali tad-diżimpenji mill-2023 sal-2027 huwa ta' EUR 7,6 biljun, u dan huwa tnaqqis żgħir meta mqabbel mat-tbassir tas-sena l-oħra ta' EUR 8,4 biljun. Madankollu, hemm xi bidliet notevoli.

Intestatura 2a - Il-politika ta' koeżjoni

Hemm tnaqqis konsiderevoli fid-diżimpenji dwar it-tlestija tal-programmi preċedenti skont il-fondi tal-SIE minn EUR 3,7 biljun għal EUR 0,4 biljun. Dan huwa dovut għar-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għas-sena kontabilistika 2021-2022 skont l-inizjattiva CARE, li se tiffaċilita l-assorbiment sfiż u se timminimizza r-riskju ta' diżimpenji matul il-proċess tal-għeluq tal-programmi.

Hemm xi riskju limitat ta' diżimpenji fil-programmi ta' koeżjoni l-ġodda mill-2026 skont l-istess suppożizzjonijiet tekniċi użati għall-istimi tal-pagament. Fil-ħames sena tal-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni, japplikaw il-miri ta' diżimpenn għall-impenji tal-2022 u tal-2023, iżda r-rata ta' sottomissjoni tat-talbiet għal pagament xorta għadha lura mill-pass storiku minħabba d-dewmien fil-bidu tal-programmi. Ir-riskju ta' diżimpenn jista' jonqos b'aċċellerazzjoni suffiċjenti fl-implimentazzjoni fl-2024. Madankollu, jekk ma ssejtni l-ebda aċċellerazzjoni, u l-veloċità tal-implimentazzjoni tibqa' qrib ir-rati storiċi ta' bejn l-2014 u l-2020 (inkluż id-dewmien ta' sena), ir-riskju ta' diżimpenn jidied b'mod esponenzjali. F'dan ix-xenarju estrem, li jeskludi kwalunkwe rkupru sinifikanti tad-dewmien fil-bidu tal-programmazzjoni, parti kbira mill-porzjon tal-2021 riprogrammat tista' effettivament tintilef.

Intestatura 3 - Il-Politika Agrikola Komuni

Kważi żewġ terzi tat-tbassir tad-diżimpenn skont l-Intestatura 3 tal-QFP huma relatati mal-FAEŻR. It-tbassir għall-għeluq tal-programmi tal-FAEŻR 2014-2022 għadu mibni fuq is-suppożizzjoni li se jkun hemm titjib meta mqabbel mal-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013. Ir-riżultat ġenerali huwa anqas mit-tbassir tal-2021 meta jitqies l-impatt mill-pagamenti l-ġodda ta' somma f'daqqa għall-bdiewa u għall-SMEs fis-settur tal-ipproċessar tal-ikel. Id-diżimpenji tal-FAEŻR 2014-2022 huma previsti li jimmaterjalizzaw sal-2026 matul il-proċess tal-għeluq. Id-diżimpenji kontra l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 2023-2027 ma humiex mistennija qabel l-għeluq tagħhom (jiġifieri lejn l-2029 u l-2030), u ma humiex koperti minn dan ir-rapport.

Programmi u intestaturi oħrajn

Għall-programmi ġestiti b'mod ċentrali mill-Kummissjoni, il-tbassir tad-diżimpenji huwa bbażat fuq l-aktar informazzjoni riċenti fil-livell tal-proġett. Bħala element ġdid, huwa kkunsidrat tbassir għad-diżimpenji skont il-programmi l-ġodda tal-QFP, bl-użu bħala bażi tar-rati storiċi ta' diżimpenn tal-programmi preċedenti rilevanti. Id-diżimpenji huma previsti għall-perjodu kollu kopert mir-rapport. Is-sena eżatta ta' diżimpenn tiddependi fuq il-proċess tal-għeluq ta' proġetti u azzjonijiet individwali u ma tistax tiġi prevista bi preċiżjoni.

2.4. NextGenerationEU

NextGenerationEU huwa strument temporanju ta' emerġenza għal miżuri ta' rispons, irkupru u reżiljenza għall-kriżijiet. Il-parti mhux ripagabbli ta' NextGenerationEU tikkostitwixxi dħul assenjat estern u tintuża sabiex tappoġġa malajr il-prijoritajiet ta' riforma u sabiex issaħħaħ numru ta' programmi ewlenin għall-irkupru. Sabiex jiġi ppreżentat l-impatt ta' NextGenerationEU b'mod trasparenti, l-istimi tal-implimentazzjoni mistennija tad-dħul assenjat estern huma mfassla separatament għal kull programm (ara t-Tabella 3). It-tbassir huwa stabbilit abbażi tal-pagamenti ta' impenn annwali pprovduti fl-ipprogrammar finanzjarju li jakkumpanja l-Abbozz tal-Baġit tal-2023.

Il-qofol ta' NextGenerationEU huwa l-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**, li tammonta għal 80 % tal-allokkazzjonijiet mhux ripagabbli^{xx}. Għalhekk, il-flussi ta' ħruġ ta' NextGenerationEU huma fil-biċċa l-kbira determinati mir-ritmu tal-iżborżi għall-RRF. Il-Faċilità daħlet fil-fażi ta' implimentazzjoni, u għamlet progress rapidu skont l-iskeda ta' żmien tar-riformi u l-investimenti stabbiliti mill-Istati Membri. Sal-aħħar ta' Mejju

2022, 26 Stat Membru kienu ppreżentaw formalment il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza^{xxi}. Il-Kummissjoni pproċediet b'pagament ta' prefinanzjament sa 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja lil 21 Stat Membru li kienu talbuh. F'konformità mar-Regolament dwar l-RRF, ma jista' jsir l-ebda pagament ta' prefinanzjament ulterjuri għal kwalunkwe Stat Membru (wara l-31 ta' Diċembru 2021). L-iżborżi jsegwu l-valutazzjoni pożittiva tat-talbiet għall-pagamenti li skont l-RRF jistgħu jiġu sottomessi sa darbtejn fis-sena mal-ilfuq tal-istadji importanti u l-miri stabbiliti fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill adottati skont ir-Regolament dwar l-RRF. It-tbassir tal-pagamenti mill-2023 sal-2027 huwa bbażat fuq il-pjanijiet adottati, kif ivvalutati mill-Kummissjoni, fuq id-*data* rrapportata mill-Istati Membri bħala parti mill-obbligi ta' rapportar tagħhom, u fuq l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Faċilità sa nofs Mejju tal-2022.

REACT-EU hija t-tieni l-akbar parti ta' NextGenerationEU, li tirrappreżenta 12 % tal-appoġġ mhux ripagabbli. Tipprovdi pont bejn il-perjodi ta' programmazzjoni mill-2014 sal-2020 u mill-2021 sal-2027 għall-politika ta' koeżjoni, tqassam riżorsi addizzjonali fl-2021 u fl-2022 permezz ta' xi wħud mill-fondi eżistenti tal-politika ta' koeżjoni. L-impenji ta' REACT-EU jsejtnu fuq perjodu ta' sentejn (2021-2022). Il-pagamenti *interim* u finali huma kkonċentri matul l-2022 sal-2024, f'konformità mal-oġettivi ta' REACT-EU sabiex titthaffef il-kunsinna billi jintużaw programmi eżistenti u billi tiġi pprovduta flessibilità sħiħa tar-regoli ta' implimentazzjoni. Meta mqabbla mat-tbassir tas-sena l-oħra, il-pagamenti huma saħansitra aktar frontloaded peress li l-Istati Membri jistgħu jużaw finanzjament skont REACT-EU sabiex jindirizzaw il-flussi reċenti ta' persuni li jaħrbu mill-Ukrajna wara l-invażjoni Russa. Sabiex tkun tista' ssir l-aċċellerazzjoni tal-iżborż tal-fondi li jfdal, il-leġiżlazzjoni ġiet emendata sabiex tippermetti^{xxii} żieda fil-pagamenti ta' qabel il-finanzjament u fl-opzjonijiet simplifikati tal-kostijiet. Xi pagamenti limitati tal-għeluq huma mistennija sal-aħħar tal-2025.

Il-ħames programmi l-oħrajn^{xxiii} appoġġati permezz ta' NextGenerationEU jieħdu t-8 % li jfdal tal-allokkazzjoni mhux ripagabbli. It-tbassir tal-pagamenti jqis l-esperjenza bi programmi predeċessuri, filwaqt li jqis iċ-ċiklu iqsar ta' impenji u l-fokus fuq il-ħtiġijiet ta' rkupru immedjat. Il-**Fond għal Tranżizzjoni Ġusta**, li huwa kompletament ġdid, huwa affettwat mid-dewmien fl-adozzjoni tal-QFP u tal-leġiżlazzjoni speċifika għall-programm. L-adozzjoni tal-biċċa l-kbira tal-programmi tal-Istati Membri hija mistennija lejn l-aħħar tal-2022 u kważi l-iżborżi kollha huma mbassra li jinfirxu fuq is-snin mill-2023 sal-2026. Għal **InvestEU**, it-tbassir jirrifletti l-iskeda ta' proviżjonament mistennija tal-garanzija baġitarja kif ukoll it-tbassir tal-pagament għaċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU u l-Portal InvestEU.

It-tbassir jassumi li r-riżorsi kollha ta' NextGenerationEU għall-attivitajiet operazzjonali se jkunu impenjati sa tmiem l-2023 u koperti mill-pagamenti sa tmiem l-2026, li huma l-limiti ta' żmien stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikabbli. Għalhekk, ma huwa stmat l-ebda diżimpenn.


2.5. L-evoluzzjoni tal-livell ta' impenji pendenti

Fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027 jista' jintlaħaq l-ogħla livell tar-RAL fi tmiem l-2023, fejn jista' jaqbeż il-livell ta' EUR 458 biljun. Dan huwa effett temporanju minħabba l-implimentazzjoni ta' NextGenerationEU. Mill-2024, ir-RAL assoċjat ma' NextGenerationEU se jiġi saldat progressivament sal-aħħar tal-2026 meta l-pagamenti fuq l-impenji ta' NextGenerationEU se jkollhom jitlestew.

Meta wieħed iqis biss ir-RAL li jirriżulta mill-QFP 2021-2027 u mill-predeċessuri tiegħu, b'mod kumulattiv tista' tkun mistennija żieda nominali ta' madwar EUR 55 biljun (+21 %) fi tmiem l-2027 meta mqabbla mal-bidu tal-perjodu ta' referenza. Din il-bidla fir-RAL hija komparabbli mad-daqs ta' segment ta' impenn annwali fil-politika ta' koeżjoni. Peress li l-koeżjoni tirrappreżenta l-akbar sehem fl-istokk tar-RAL, din hija ta' rilevanza partikolari għall-evoluzzjoni tiegħu. Il-ftehim li tinżamm regola ta' diżimpenn N+3, flimkien mad-dewmien fil-pagamenti backload tal-proċess ta' programmazzjoni l-ġdid lejn it-tmiem tal-QFP u għas-snin ta' wara (ara l-punt 2.1). Dan jirriżulta wkoll f'xi stima eċċessiva taż-żieda tar-RAL minħabba li din tkopri l-bidla bejn sena b'RAL baxx (fi tmiem l-2022 se jifhallsu partijiet kbar mill-attivitajiet ta' tlestija iżda l-biċċa l-kbira tal-impenji l-ġodda għall-politika ta' koeżjoni għad iridu jsiru) u sena bl-ogħla livell tar-RAL (fi tmiem l-2027 se jsiru l-impenji kollha għall-politika ta' koeżjoni iżda aktar minn nofs il-pagamenti se jsegwu fis-snin li ġejjin).

Meta mkejjejl skont id-daqs tal-ekonomija tal-UE, ir-RAL fil-fatt qiegħed jonqos. Mill-bidu tal-2023 sal-aħħar tal-2027, ir-RAL (minbarra NextGenerationEU) huwa mistenni li jonqos minn livell ta' 1,7 % għal 1,6 % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-UE. Dan juri li t-tkabbir nominali tar-RAL huwa fil-biċċa l-kbira misbuq mit-tkabbir nominali tal-ekonomija tal-UE.

Ċart 4 – Evoluzzjoni tal-livell ta' impenji pendenti (RAL) mill-2023 sal-2027, imkejla f'perċentwal tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni



3. Tassir tal-flussi ta' dħul tal-baġit tal-UE għall-2023 sal-2027

Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat mir-riżorsi proprji u minn dħul ieħor. Barra minn hekk, l-Unjoni ngħatat is-setgħa li tissellef fondi sabiex tiffinanzja NextGenerationEU. Il-Kummissjoni qiegħda timmobilizza l-fondi permezz ta' operazzjonijiet fis-swieq kapitali internazzjonali, f'konformità mal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-programmi ta' nfiq ta' NextGenerationEU (ara l-punt 2.4). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ssegwi strateġija ta' finanzjament diversifikata^{xxiv} u, bħala parti minn din l-istrateġija, tippubblika deċiżjonijiet ta' self annwali u pjanijiet ta' finanzjament ta' kull sitt xhur. It-tbassir attwali jiffoka fuq id-dħul meħtieġ għall-finanzjament tan-nefqa baġitarja fi ħdan il-QFP.

L-ammont ġenerali tar-riżorsi proprji meħtieġa għall-iffinanzjar tal-baġit huwa ddeterminat min-nefqa totali nieqes dħul ieħor. Għaldaqstant, it-tbassir tad-dħul għall-baġit tal-UE għall-2023 sal-2027 huwa bbażat fuq il-prinċipju li n-nefqa trid tkun daqs id-dħul; għalhekk, id-dħul totali huwa daqs in-nefqa totali.

Mill-2021, f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-parti V), ir-Renju Unit ikkontribwixxa għall-baġit tal-UE fir-rigward tal-impenji pendenti ta' oqfsa finanzjarji pluriennali preċedenti. Dan jinkludi r-RAL fi tmiem l-2020, kif ukoll pensjonijiet u obligazzjonijiet oħrajn stabbiliti fis-saldu finanzjarju. Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit


tikkostitwixxi “dħul ieħor” tal-baġit tal-UE u ma hijiex parti mir-riżorsi proprji tal-Unjoni. Din se titneħħa gradwalment hekk kif l-impenji pendenti jiġu saldati.

Elementi mixxellanji oħrajn li ma jagħmlux parti mir-riżorsi proprji tal-Unjoni huma preżunti li jibqgħu nominalment kostanti fil-livell tal-Abbozz tal-Baġit tal-2023.

Il-finanzjament li jifdal – kontribuzzjonijiet nazzjonali u dazji doganali – jirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tad-dħul meħtieġ sabiex tiġi bbilanċjata n-nefqa baġitarja. It-tbassir tad-dħul huwa bbażat fuq il-parametri tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2020, li introduċiet riżorsa proprja ġdida bbażata fuq skart tal-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat. Il-projezzjonijiet jinkludu wkoll ir-riżorsa proprja l-ġdida bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kif ukoll fuq ir-rata ta’ ritenzjoni miżjuda tad-dazji doganali tal-Istati Membri sabiex ikopru l-kostijiet tal-ġbir tagħhom. Dawn ma jqsux il-proposti tal-Kummissjoni dwar riżorsi proprji ġodda tat-22 ta’ Diċembru 2021^{xxv}. Dan japplika wkoll għal proposti futuri li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tippreżenta f’konformità mal-ftehim interistituzzjonali (IIA)^{xxvi}.

Bħala medja, għall-perjodu ta’ bejn l-2023 u l-2027, il-kontribuzzjonijiet nazzjonali huma mbassra għal EUR 146 biljun fis-sena jew 0,8 % tal-Introjt Nazzjonali Gross tal-UE. Iċ-ċiklu ta’ nfiq u l-eliminazzjoni gradwali tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit jiddeterminaw prinċipalment l-iżvilupp tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali matul il-perjodu ta’ tbassir. Mill-2025 ‘il quddiem, iż-żieda fin-nefqa li tirriżulta mill-programmi l-ġodda li jkunu deħlin f’ritmu kostanti u l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għat-tneħħija gradwali tar-RAL, se jkomplu jżidu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali b’mod kostanti sal-2027.

Ċart 5 - Tbassir tad-dħul għall-finanzjament tal-QFP 2023-2027 (f’biljuni ta’ EUR)



Fi kwalunkwe sena partikolari, ir-riżorsi proprji totali miġbura mill-Unjoni ma jistgħux jaqzbu l-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji^{xxvii} ta’ 1,40 % tal-Introjt Nazzjonali Gross tal-Istati Membri tal-UE, b’żieda temporanja addizzjonali ta’ 0,6 % tad-DNG tal-UE sabiex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kollha tal-Unjoni mis-self fis-swieq kapitali għall-finanzjament ta’ NextGenerationEU. Filwaqt li r-riżorsi proprji huma mbassra li jikbru b’mod kostanti sal-2027, il-marġni disponibbli skont il-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (l-hekk imsejħa “marġni ta’ manuvra”) huwa mistenni li jibqa’ fil-biċċa l-kbira stabbli peress li l-Introjt Nazzjonali Gross tal-Unjoni huwa mistenni li jiżdied gradwalment matul il-perjodu ta’ referenza^{xxviii}. Il-marġni ta’ manuvra jammontaw bħala medja għal EUR 187 biljun matul il-perjodu, li EUR 104 biljuni minnhom għaż-żieda ta’ NextGenerationEU.

Il-baġit tal-UE qiegħed jipprevedi l-pagamenti tal-interessi fuq il-fondi mislufa u allokatu għal appoġġ mhux ripagabbli skont NextGenerationEU minn meta beda s-self fl-2021. Ir-riżorsi proprji meħtieġa sabiex jiġu ffinanzjati dawk il-kostijiet jingħaddu fiż-żieda temporanja ta' 0,6 % tad-DNG tal-UE tal-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji. Fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027, huwa pplanat total ta' EUR 14,7-il biljun għall-finanzjament tal-kostijiet ta' NextGenerationEU^{xxix}. Il-kostijiet ipplanati jsegwu profil backloaded sabiex jirrifletti t-tnedija progressiva tas-self. Fl-istess ħin, hemm inċertezzi relatati mal-kost ta' finanzjament tal-NGEU fid-dawl taż-żieda rapida u sostanzjali tar-rati tal-imgħax fis-swieq finanzjarji minn Diċembru tal-2021.

4. Konklużjonijiet

Dan it-tbassir huwa mfassal f'kundest ta' inċertezza kbira li tirriżulta mill-gwerra fl-Ukrajna. L-inizjattivi li diġà tressqu għall-appoġġ tal-Istati Membri u tas-setturi speċifiċi jiffaċilitaw l-assorbiment sħiħ u l-pagamenti aċċellerati għal programmi li għaddejjin. L-istrumenti ta' finanzjament estern qiegħdin jagħmlu aktar finanzjament disponibbli għall-Ukrajna u għall-pajjiżi sħab ġirien. Minn hawn 'il quddiem, id-domandi huma mistennija li jibqgħu għoljin, bl-implikazzjoni ta' żborżi avanzati mill-istrumenti rilevanti tal-baġit tal-UE, kif rifless fit-tbassir.

Il-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP jibqa' biżżejjed sabiex ikopri l-pagamenti previsti f'kull waħda mill-ħames snin li ġejjin bis-saħħa tal-mekkaniżmi tal-QFP għal aġġustament awtomatiku, b'mod partikolari l-possibbiltà li jiġu ttrasferiti ammonti mhux użati lejn tmiem il-perjodu meta l-ħtiġijiet jilħqu l-ogħla livell. Madankollu, il-marġni nett mill-2023 sal-2027 huwa ta' madwar EUR 1,3 biljun. Id-daqs tiegħu se jkollu jiġi mmonitorjat mill-qrib aktar ma jgħaddi ż-żmien, speċjalment sabiex jitkejlu l-effetti potenzjali ta' inizjattivi ta' politika ġodda jew ta' aktar aċċellerazzjoni tal-pagamenti għal programmi li għaddejjin.

Filwaqt li t-tlestija tal-programmi li għaddejjin avanzat, l-adozzjoni tardiva tal-pakkett leġiżlattiv tal-QFP 2021-2027 skattata mill-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal aktar dewmien fil-bidu tal-QFP u għal riskji ogħla ta' diżimpenn milli kien antiċipat qabel għall-maġġoranza tal-programmi l-ġodda f'ġestjoni kondiviża. Dan jagħmel backloading tal-ħtiġijiet tal-pagament għall-bqija tal-QFP. Konsegwenza oħra hija r-riskju ogħla ta' telf effettiv ta' fondi fis-snin ta' wara tal-perjodu ta' programmazzjoni minħabba d-diżimpenni awtomatiċi jekk l-Istati Membri ma jużawx sforzi sabiex jirkupraw id-dewmien inizjali, sa mill-ewwel snin ta' implimentazzjoni effettiva.

Bis-saħħa tal-appoġġ minn NextGenerationEU għall-investimenti u għar-riformi, il-baġit tal-UE se jkompli jkun fil-qalba tal-irkupru ekonomiku Ewropew ta' wara l-COVID fis-snin li ġejjin, meta l-programmi preċedenti tal-QFP jintemmu u qabel ma l-programmi l-ġodda jilħqu ritmu tajjeb. Il-ħtieġa li l-fondi ta' NextGenerationEU jiġu implimentati qabel l-iskadenza għall-iżborżi sal-2026 tista' taffettwa l-kapaċità tal-Istati Membri li jagħmlu sforzi addizzjonali sabiex jaċċelleraw it-tnedija tal-perjodu ta' programmar il-ġdid għall-fondi f'ġestjoni kondiviża skont il-QFP.

NextGenerationEU se jkollu wkoll effett temporanju fuq il-livell tal-impenji pendenti tal-UE, li se jilħqu l-massimu tagħhom fi tmiem l-2023 u mbagħad gradwalment se jirritornaw għal livelli komparabbli mal-bidu tal-perjodu tal-QFP sa tmiem l-2027. Filwaqt li r-RAL jiżdied b'mod nominali fl-aħħar tal-QFP meta mqabbel mal-2023, meta mkejjel bħala sehem tal-Introjt Nazzjonali Gross tal-UE, ir-RAL jitnaqqas, u dan juri li t-tkabbir nominali tal-ekonomija tal-UE jaqbeż l-akkumulazzjoni ta' impenji pendenti mill-baġit tal-UE.

Id-dħul previst (l-aktar ir-riżorsi proprji tal-UE) meħtieġ għall-finanzjament tal-baġit se jikber b'mod kostanti f'konformità man-nefqa tal-QFP. Madankollu, id-daqs tal-marġni disponibbli skont il-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji ("il-marġni ta' manuvra") se jibqa' relattivament stabbli peress li l-ħtiġijiet ta' dħul li qiegħdin jiżdiedu jaqblu mat-tkabbir nominali previst tal-ekonomija tal-UE.

Anness I – Riżultati tat-tbassir*

*Il-valuri kollha huma f'biljuni ta' EUR, prezzijiet attwali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jista' jkun li t-totali ma jaqblux bl-eżatt minħabba l-arrotondament.

Tabella 1.1 – Tbassir fit-tul tal-flussi ta' ħruġ futuri mill-2023 sal-2027 għall-QFP

Sena	2023	2024	2025	2026	2027	Total
<i>Il-Limitu Massimu ta' Impenn</i>	182,7	184,3	187,9	179,7	185,4	919,9
<i>Il-Limitu Massimu ta' Pagament</i>	168,6	168,9	172,2	175,7	179,2	864,5
<i>Barra minn hekk, aġġustament għall-Artikolu 5 tal-MFFR (stima għas-snin futuri)</i>	0,0	1,7	1,7	1,8	4,2	9,4
<i>Impenji (ipprogrammati)*</i>	185,7	187,4	192,2	183,0	191,0	939,4
<i>Pagamenti Previsti*</i>	166,3	158,0	176,3	182,8	193,9	877,3
<i>Li minnhom Strumenti Speċjali**</i>	3,2	0,1	1,2	0,0	0,0	4,6

Tabella 1.2 – Pagamenti fir-rigward tal-impenji tal-QFP 2021-2027

Intestatura tal-QFP	2023	2024	2025	2026	2027	Total
1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	15,5	18,2	21,0	22,2	22,8	99,8
2 Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	11,8	25,5	53,3	58,9	76,1	225,6
2.1 Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali	5,4	16,9	44,0	48,1	63,0	177,4
2.2 Reżiljenza u Valuri	6,4	8,5	9,3	10,8	13,1	48,2
3 Riżorsi Naturali u Ambjent	46,1	56,1	58,8	61,0	56,9	278,9
3.1 Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40,7	41,6	41,8	41,9	42,0	208,1
3.2 Programmi oħrajn ta' Riżorsi Naturali u Ambjent	5,4	14,5	17,0	19,1	14,9	70,8
4 Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	2,4	3,8	4,4	4,7	4,8	20,1
5 Sigurtà u Difiża	0,9	1,8	1,9	2,3	2,3	9,2
6 Il-Viċinat u d-Dinja	9,5	13,0	15,0	15,7	15,6	69,0
7 Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	11,4	11,8	12,2	12,6	13,0	61,0
Strumenti Speċjali	2,7		1,1			3,8
Total	100,3	130,3	167,8	177,4	191,6	767,4

Tabella 1.3 – Pagamenti għat-tlestija tal-impenji ta' qabel l-2021

Intestatura tal-QFP	2023	2024	2025	2026	2027	Total
1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	5,4	4,1	3,1	1,8	1,3	15,6
2 Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	44,0	18,0	1,3	1,2	0,2	64,6
2.1 Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali	43,7	17,7	1,2	1,1	0,2	63,9
2.2 Reżiljenza u Valuri	0,3	0,3	0,1	0,1	0,0	0,7
3 Riżorsi Naturali u Ambjent	11,4	1,0	0,4	0,4	0,1	13,3
3.1 Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	0,0					0,0
3.2 Programmi oħrajn ta' Riżorsi Naturali u Ambjent	11,4	1,0	0,4	0,4	0,1	13,3
4 Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	0,7	0,5	0,1	0,0	0,0	1,3
5 Sigurtà u Difiża	0,2	0,2	0,2	0,1	0,0	0,7
6 Il-Viċinat u d-Dinja	4,2	3,9	3,5	1,9	0,7	14,2
Total	65,9	27,7	8,5	5,4	2,4	109,8

* L-impenji totali u l-pagamenti stmati jinkludu approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP u mill-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju. Il-marġnijiet mhux allokatati ma humiex inklużi.

** L-ammonti għal strumenti speċjali jkopru r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-Istrument ta' Flessibbiltà. Fit-tabelli ta' hawn taħt, il-pagamenti relatati mal-mobilizzazzjonijiet tal-Istrument ta' Flessibbiltà huma inklużi fl-intestaturi rispettivi.

Tabella 2 – It-tbassir tad-dizimpenji

Intestatura tal-QFP	Tlestija	QFP	Total
1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	<i>1,5</i>	<i>1,5</i>	3,0
2 Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	<i>0,7</i>	<i>1,0</i>	1,7
2.1 Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali	<i>0,4</i>	<i>0,4</i>	0,8
2.2 Reżiljenza u Valuri	<i>0,3</i>	<i>0,7</i>	0,9
3 Riżorsi Naturali u Ambjent	<i>0,8</i>	<i>0,8</i>	1,5
3.2 Programmi oħrajn ta' Riżorsi Naturali u Ambjent	<i>0,8</i>	<i>0,8</i>	1,5
4 Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	<i>0,3</i>	<i>0,5</i>	0,8
5 Sigurtà u Difiża	<i>0,1</i>	<i>0,1</i>	0,1
6 Il-Viċinat u d-Dinja	<i>0,1</i>	<i>0,3</i>	0,4
Total	3,4	4,1	7,6

Tabella 3 – Tbassir fit-tul tal-flussi ta' ħruġ għal NextGenerationEU

Programm	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Orizzont Ewropa	1,8	1,3	0,4	0,1	0,0	3,5
II-Fond InvestEU	1,2	1,2	1,0	1,2	0,0	4,7
II-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)	10,0	3,5	1,1	0,0	0,0	14,6
II-Fond Soċjali Ewropew (FSE)	5,5	6,2	2,4	0,0	0,0	14,1
II-Faċilità Ewropea għall-Irkupru u r-Reżiljenza	76,4	56,9	38,5	50,6	0,0	222,4
II-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (RescEU)	0,5	0,8	0,2	0,2	0,2	1,9
II-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	2,4	2,1	1,4	0,7	0,0	6,6
II-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta	0,2	2,4	4,0	4,1	0,0	10,7
Total	98,0	74,5	48,9	56,8	0,2	278,4

Tabella 4 – Bidla fl-impenji pendenti totali mill-2023 sal-2027

Sors	RAL fil-bidu tal-2023* (stima)	Impenji 2023-2027	Pagamenti 2023-2027	Diżimpenji 2023-2027	RAL fi tmiem I-2027
QFP	259,8	939,4	877,3	7,6	314,4
NGEU	165,4	113,0	278,4		0,0
Total	425,1	1052,5	1155,6	7,6	314,4

* Ir-RAL fil-bidu tal-2022 jinkludi EUR 3,3 biljuni ġġenerati minn kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi għal programmi speċifiċi tal-QFP 2014-2020, li ma humiex inklużi fit-tabella.

Tabella 5 – Tbassir fit-tul tal-flussi ta' dħul futuri tal-baġit tal-UE mill-2023 sal-2027

		2023	2024	2025	2026	2027	Total
Il-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji f'perċentwali tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-UE		2,00 %	2,00 %	2,00 %	2,00 %	2,00 %	mhux applikabbli
<i>li minnhom żieda temporanja għall-NGEU</i>		0,60 %	0,60 %	0,60 %	0,60 %	0,60 %	mhux applikabbli
Il-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji espress f'biljuni ta' EUR*	a	326,9	342,0	357,0	371,8	386,3	mhux applikabbli
<i>li minnhom żieda temporanja għall-NGEU</i>	<i>a'</i>	98,1	102,6	107,1	111,5	115,9	mhux applikabbli
Ammont nett ta' riżorsi proprji tradizzjonali**	<i>b</i>	21,6	22,6	23,6	24,6	25,6	118,0
Kontribuzzjonijiet nazzjonali**	<i>c</i>	132,6	127,7	148,4	155,1	165,5	729,4
Total tar-riżorsi proprji	d = b+c	154,2	150,4	172,0	179,7	191,2	847,4
<i>li minnhom riżorsi proprji relatati mal-obbligazzjonijiet tal-NGEU</i>	<i>d'</i>	1,0	2,1	2,7	3,7	5,0	14,5
Dħul ieħor (inkluża l-kontribuzzjoni provviżorja tar-Renju Unit)	<i>e</i>	12,1	7,6	4,3	3,1	2,7	29,8
DĦUL TOTALI	d+e	166,3	158,0	176,3	182,8	193,9	877,3
Marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji	a-d	172,7	191,6	185,0	192,1	195,1	mhux applikabbli
<i>li minnhom jaqgħu taħt iż-żieda temporanja għall-NGEU</i>	<i>a"-d"</i>	97,0	100,5	104,4	107,8	110,9	mhux applikabbli

* Il-Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji - ikkalkolat fuq il-bażi tat-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa tal-2022 għall-Introjtu Nazzjonali Gross tal-EU27 għall-2023 sal-2027

** Ir-riżorsi proprji tradizzjonali huma stmati fuq il-bażi ta' rata ta' żamma ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.

*** Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali jinkludu r-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross, ir-riżorsa proprja riformata bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u r-riżorsa proprja l-ġdida bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat.

ⁱ Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-ammonti kollha fir-rapport huma espressi fi prezzijiet attwali.

ⁱⁱ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

ⁱⁱⁱ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 li jstabilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23 (“NextGenerationEU”).

^{iv} COM(2021)343, 30.6.2021.

^v Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

^{vi} COM(2022) 400 - Ġunju tal-2022.

^{vii} COM(2022) 80 final, 28.1.2022.

^{viii} L-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP jipprevedi l-allokazzjoni addizzjonali f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għal lista predefinita ta' programmi, għal ammont ekwivalenti għad-dħul minn multi tal-kompetizzjoni, kif imdaħħal fil-baġit tas-sena n-1 f'konformità mal-Artikolu 107 tar-Regolament Finanzjarju.

^{ix} L-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li l-appropriazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji magħmula fir-rigward ta' proġetti ta' riċerka jistgħu jerġġu jsiru disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka li l-proġetti jappartjenu għalih jew għas-suċċessur tiegħu fil-kuntest tal-proċedura baġitarja.

^x Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

^{xi} ĠU C66 I, 19.2.2019, p. 1.

^{xii} COM(2021)365, 7.6.2021 u COM(2022)266, 7.6.2022.

^{xiii} Għal referenza, it-tbassir fit-tul tal-2021 stenna dewmien komparabbli għall-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020 meta madwar nofs l-ammonti dovuti fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni kellhom jiġu posposti.

^{xiv} COM(2022) 231 final, 18.5.2022

^{xv} COM(2022) 57 final, 15.2.2022.

^{xvi} COM(2022) 46, 8.2.2022.

^{xvii} Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1–26

^{xviii} COM(2022) 109 final, 8.3.2022.

^{xix} COM(2022) 242 finali, 20.5.2022.

^{xx} Minħabba l-mekkaniżmu eżekuttiv tiegħu xprunat mid-domanda, ma hemm l-ebda tbassir disponibbli għall-komponent tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (bl-istess mod għal strumenti oħrajn ibbażati fuq is-self implimentati barra mill-baġit).

^{xxi} Ma' Stat Membru wieħed, id-diskussjonijiet isiru abbażi ta' abbozz ta' pjan.

^{xxii} Ir-Regolament (UE) 2022/613 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u mill-istabbiliment ta' kost unitarju, ĠU L 115, 13.4.2022, p. 38–41.

^{xxiii} Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, Orizzont Ewropa, il-Fond InvestEU u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (RescEU)

^{xxiv} COM(2021) 250 final, 14.4.2021.

^{xxv} COM(2021) 570 final, 22.12.2021.

^{xxvi} L-Anness II, il-parti B tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 28–46.

^{xxvii} Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020, ĠU L 424/1, 15.12.2020

^{xxviii} Il-Kummissjoni Ewropea, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa tal-2022: [European Economic Forecast Spring 2022](#) |Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu), (https://ec.europa.eu/info/publications/european-economic-forecast-spring-2022_mt)

^{xxix} Mingħajr preġudizzju għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda bil-ħsieb li jiġu koperti l-kostijiet tar-ripagament u tal-imgħax ta' NextGenerationEU.